ĊENTRU EWROPEW
GHALL-PREVENZJONI
U L-KONTROLL TAL-MARD








# ECDC: Eċċellenza fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv

www.ecdc.europa.eu

**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), li twaqqaf fl-2005, huwa l-aġenzija tal-Unjoni Ewropea bir-responsabbiltà li ssaħħaħ id-difiżi tal-Ewropa kontra l-mard infettiv. Huwa bbażat fi Stokkolma, l-Isvezja.**

**Il-missjoni tal-ECDC hija li jidentifika, jivvaluta u jikkomunika t-theddidiet attwali u emerġenti għas-saħħa tal-bniedem ikkawżati minn mard infettiv, u li jappoġġja u jgħin fil-koordinazzjoni tal-kapaċitajiet ta' preparazzjoni u rispons tal-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea.**

© Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard, 2011.

ISBN 978-92-9193-258-0
doi:10.2900/42291

# ECDC: Eċċellenza fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv

## Werrej

L-ECDC — Jgħin biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nies ... 3
Appoġġ għall-Preparazzjoni u r-Rispons — Lest meta meħtieġ ... 4
Sorveljanza — Aħna niġbru u nanalizzaw id-dejta ... 8
Konsulenza xjentifika — Evidenza għal azzjoni ... 10
Il-kapaċità u l-komunikazzjoni dwar is-saħħa pubblika — Aħna nisimgħu u nwieġbu ... 14
Programmi tal-ECDC dwar il-mard — Xi nkopru ... 18
Mard infettiv — Uħud mit-theddidiet ewlenin ... 20
Kif tista' tinvolvi ruħek ... 22
Fatti ewlenin dwar il-governanza ... 24
Interazzjoni mal-imsieħba tagħna ... 26



*“Bħala professjonisti tas-saħħa pubblika, il-membri tal-persunal tal-ECDC għandhom ir-responsabbiltà li jipprovaw iħarsu u jtejbu s-saħħa tan-nies. Aħna nagħmlu ħilitna kollha biex niksbu l-eċċellenza għaliex nemmnu li s-saħħa pubblika hija importanti.”*

**Marc Sprenger, Direttur tal-ECDC**

# L-ECDC — Jgħin biex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nies

Il-mard infettiv huwa r-responsabbiltà tagħna. Jeħtieġ li aħna nkunu viġilanti, effiċjenti u effikaċi, minħabba li ħafna jiddependi minna. Il-gvernijiet Ewropej jifhmu li minħabba li l-mard infettiv ma għandu l-ebda fruntiera, hemm ħtieġa kostanti għal sorveljanza u valutazzjoni tar-riskji sabiex tkun tista' tiġi pprovduta linja ta' difiża b'saħħitha u affidabbli għall-Ewropej kollha.

Il-ħidma xjentifika tagħna hija marbuta mill-qrib ma' dik tal-Ministeri tas-Saħħa, l-istituti nazzjonali tas-saħħa pubblika, ir-riċerkaturi tas-saħħa pubblika, il-maniġers u l-prattikanti f'kull pajjiż fl-Ewropa, li magħhom għandna kuntatt ta' kuljum, bi skambju ta' informazzjoni, għoti ta' analiżi, gwida u appoġġ tekniku.

Il-protezzjoni tal-Ewropa minn mard infettiv mhijiex benefiċċju ta' bla ħsieb. L-ECDC issawwar fuq sistemi ta' allarm u rispons ikkoordinati tajjeb għas-saħħa pubblika, analiżi u evidenza xjentifika indipendenti rigoruża, il-kapaċità li tittieħed azzjoni malajr u deċiżiva, u l-kompetenzi tal-komunikazzjoni sabiex tingħata informazzjoni affidabbli malajr lil dawk li jkollhom bżonnha. L-operazzjonijiet ċentrali u prattiċi kollha tal-ECDC huma organizzati sabiex jappoġġjaw u jsaħħu dawn il-funzjonijiet vitali tas-saħħa pubblika, bil-għan li jżidu l-valur għar-reazzjonijiet immexxija mill-pajjiżi, partikolarment fi żminijiet ta' restrizzjonijiet finanzjarji, u b'hekk jgħinu sabiex jiġu salvati l-ħajjiet tan-nies.

L-ECDC huwa aġenzija xjentifika u teknika, mhux entità politika. Huwa r-rwol tagħna li naraw li l-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u dawk li jfasslu l-politiki tas-saħħa nazzjonali jkollhom il-pariri u l-evidenza li jeħtieġu sabiex jieħdu d-deċiżjonijiet u l-azzjoni biex jipproteġu s-saħħa. Il-ħidma hawnhekk hija speċjali ħafna. Mhux biss għaliex aħna ninsabu fuq quddiem nett fil-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv fl-Ewropa, iżda minħabba l-entużjażmu, id-diversità u l-professjonaliżmu tat-tim tagħna.

L-ECDC huwa uniku. Aħna kburin li ninsabu fiċ-ċentru tan-netwerk vast tal-Ewropa ta' speċjalisti, xjentisti, mikrobijoloġisti u epidemjoloġisti tas-saħħa pubblika ddedikati — aktar minn 10,000 fin-numru — li jaħdmu magħna u ma' msieħba oħrajn, bħall-WHO, sabiex flimkien nipproteġu lin-nies minn theddidiet ta' mard infettiv. Aħna naħdmu ħafna biex intejbu kemm jista' jkun dawn l-isforzi sabiex ikunu denji tal-fiduċja u l-appoġġ kontinwi tal-Ewropa.

B'dan il-fuljett jien nistiednek sabiex titgħallem aktar dwar il-mod kif naħdmu, dak li nagħmlu u dak li noffru.

Marc Sprenger, Direttur, ECDC




*Il-persunal tal-ECDC jiltaqgħu kuljum sabiex jimmonitorjaw it-tifqigħat tal-mard*

# Appoġġ għall-Preparazzjoni u r-Rispons — Lest meta meħtieġ

Kull filgħodu, l-esperti tal-ECDC jiltaqgħu fiċ-Ċentru ta' Operazzjonijiet ta' Emerġenza (EOC), iċ-ċentru tas-Sistema ta' Rispons u Twissija Bikrija tal-UE, is-sistema ta' messaġġi siguri tal-Kummissjoni Ewropea li hija marbuta mal-awtoritajiet tas-saħħa madwar l-Ewropa u parteċipanti rilevanti oħrajn. Waqt din id-diskussjoni ta' kuljum, il-persunal tal-ECDC:

- jissorveljaw l-aħbarijiet u l-aġġornamenti li jidħlu matul il-lejl dwar it-tifqigħat ta' mard infettiv fl-Ewropa u madwar id-dinja;
- jiddiskutu u jirrevedu s-"sinjali" ta' tifqigħat ġodda possibbli miġbura permezz tal-iskennjar tal-midja, u minn rapporti diretti magħmula minn epidemjoloġisti u awtoritajiet tas-saħħa madwar id-dinja;
- jivvalutaw malajr l-importanza probabbli ta' kwalunkwe theddida ġdida;
- jirrevedu t-talbiet għall-informazzjoni mill-pajjiżi;
- janalizzaw il-progress li jsir fl-attivitajiet li għadhom għaddejjin maħsuba biex irażżnu t-tixrid tat-tifqigħat attwali; u
- jiskambjaw informazzjoni, esperjenzi u pariri xjentifiċi mal-Istati Membri u mal-Kummissjoni Ewropea.

Wara l-laqgħa, id-dejta u l-pariri rilevanti jitqassmu lill-prattikanti tas-saħħa pubblika u lill-pubbliku ġenerali.

Minn mindu twaqqfet l-aġenzija fl-2005, is-sistemi tal-ECDC ta' preparazzjoni u rispons f'każijiet ta' emerġenza komplew jiġu żviluppati u mtejba kontinwament permezz ta' konsultazzjonijiet ma' esperti indipendenti mill-Istati



Membri kollha tal-UE u lil hinn minnhom, analizzati mill-korpi regolatorji, ittestjati permezz ta' eżerċizzji ta' simulazzjoni globali u reġjonali u applikati fil-ħajja reali. Il-preparazzjoni għall-kriżijiet hija importanti daqs ir-rispons għalihom meta jseħħu. L-ECDC jinvesti ħafna biex jgħin lill-Istati Membri jippreparaw iċ-ċentri tagħhom għall-operazzjonijiet ta' emerġenza u jsaħħu l-preparazzjoni fil-livell nazzjonali.

## Għodod ta' intelliġenza epidemika — It-tiftix kullimkien għal twissijiet bikrija

Wieħed mill-punti tajbin tal-ECDC huwa l-kapaċità li josserva u jirrispondi malajr għat-theddidiet ta' mard infettiv. L-ECDC żviluppa pjattaforma sikura ta' komunikazzjoni fuq l-Internet (EPIS), li tippermetti li jsir skambju internazzjonali ta' informazzjoni teknika u twissijiet bikrija dwar tifqigħat ta' mard infettiv. L-epidemjoloġisti u l-mikrobijoloġisti li jaħdmu f'oqsma ta' mard differenti jistgħu jużaw l-EPIS sabiex jallarmaw lill-kollegi f'pajjiżi oħrajn dwar każijiet ta' tħassib urġenti u jikkondividu l-fehmiet u l-analiżi xjentifika tagħhom fil-forums fuq l-Internet.

# Tifqigħat ta' mard li jinġarr fl-ikel

L-ECDC appoġġja u ffaċilita bosta investigazzjonijiet multinazzjonali ta' tifqigħat ta' mard li jinġarr fl-ikel li kienu identifikati permezz tan-netwerk ta' Mard li jinġarr fl-Ikel u fl-Ilma u ż-Żoonożi. Dawn l-attivitajiet kollaborattivi rriżultaw fi skambju rapidu u effikaċi ta' informazzjoni bejn l-imsieħba rilevanti, li jinvolvu lill-awtoritajiet tas-saħħa pubblika u tas-sigurtà fl-ikel fl-Istati Membri, kif ukoll atturi ewlenin fil-livell tal-UE, bħas-Sistema ta' Allert Rapidu għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) u l-Kummissjoni Ewropea. Bħala riżultat, l-irtirar f'waqtu ta' ikel ikkontaminat fl-Istati Membri pproteġa lill-konsumaturi madwar l-Ewropa.



# Migrazzjoni u mard infettiv

Il-kwistjoni tal-migrazzjoni u s-saħħa kienet fuq quddiem nett fuq l-aġenda tal-UE fis-snin reċenti. L-impenn politiku tal-UE huwa rifless fl-istrumenti ta' politika intiżi biex jiżguraw li l-immigranti jkollhom aċċess għall-kura tas-saħħa u fil-Programm Ewropew tas-Saħħa 2003–08 tal-Kummissjoni Ewropea u t-Tieni Programm ta' Azzjoni Komunitarja fil-Qasam tas-Saħħa 2008–13. Dan tal-aħħar jinkludi proġetti dwar l-inekwitajiet tas-saħħa, l-istatus tas-saħħa tal-immigranti u l-piż tal-mard infettiv, kif ukoll mudelli għall-provvista tal-kura tas-saħħa għal immigranti mingħajr dokumentazzjoni. Matul is-snin, l-ECDC investa wkoll riżorsi sabiex itejjeb l-għarfien tar-relazzjoni bejn il-migrazzjoni u s-saħħa pubblika. Madankollu, hemm aktar x'jista' jsir sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tas-saħħa u tal-kura tas-saħħa tal-immigranti. Fis-snin li ġejjin, l-ECDC huwa impenjat li jtejjeb is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-mard infettiv, sabiex jiżgura li l-programmi ta' prevenzjoni u kontroll jirreaġixxu għall-mudelli dejjem jinbidlu tal-migrazzjoni u l-epidemjoloġija tal-mard infettiv, u sabiex jiżgura li s-servizzi tal-kura tas-saħħa jirreaġixxu għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-popolazzjonijiet immigranti.



*Aktar nies minn qatt qabel jinsabu attivi*



*"In-nies hawnhekk huma entużjasti ħafna! Il-ħaddiema jirrappreżentaw id-diversità tar-reġjun, u għalija dawn jippersonifikaw l-idea prezzjuża ħafna tal-Unjoni Ewropea, li qiegħda taħdem f'kooperazzjoni paċifika."*

Andrea Ammon, Deputat għad-Direttur

# Sorveljanza — Aħna niġbru u nanalizzaw id-dejta

Fil-qalba tal-ECDC hemm is-sorveljanza ta' mard infettiv: il-ġbir, l-evalwazzjoni, l-analiżi u d-disseminazzjoni tad-dejta xjentifika u teknika rilevanti. Dan isir permezz tas-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza, magħrufa bħala TESSy. TESSy tipprovdi lill-pajjiżi Ewropej b'evidenza xjentifika dwar mard infettiv biex b'hekk ikunu jistgħu jagħtu rispons aħjar u mmirat.

Is-sorveljanza hija attività konġunta mal-Istati Membri u l-ħafna esperti u istituti tas-saħħa pubblika li jikkontribwixxu għad-databases. Il-leġiżlazzjoni tal-UE titlob lill-pajjiżi kollha biex jirrapportaw b'rutina d-dejta tas-sorveljanza lill-ECDC fuq lista maqbula ta' 49 marda infettiva, u biex jirrapportaw tifqigħat li jistgħu jinxterdu lejn pajjiżi oħrajn tal-UE.

Id-database tinkludi u tintegra l-informazzjoni minn ħafna netwerks ta' sorveljanza tad-dejta speċifika għall-mard li qabel kienu separati. Din għamlet l-aċċess għad-dejta Ewropea dwar il-mard infettiv aktar sempliċi u ħolqot punt ta' waqfa waħda (one-stop-shop).

L-ECDC jiġbor u janalizza d-dejta epidemjoloġika u jipproduċi rapporti li jipprovdu kemm ħarsa ġenerali lejn l-UE, kif ukoll informazzjoni komparattiva siewja u rilevanti għal kull Stat Membru individwali.

## TESSy: minjiera ta' informazzjoni

TESSy hija sistema flessibbli, integrata u interattiva ħafna li tippermetti tfittxija għal dejta speċifika u t-twettiq ta' paraguni internazzjonali. Hija toffri illustrazzjonijiet faċli għall-utenti ta' riżultati magħżula f'diversi formati li jistgħu jitniżżlu, bħal tabelli, figuri u mapep.




Kull sena l-ECDC jippubblika r-*Rapport Epidemjoloġiku Annwali*, pubblikazzjoni unika li tagħti ċifri komparabbli dwar mard infettiv madwar l-Ewropa. In-numri jintużaw mhux biss sabiex jiġi eżaminat x'ġara u x'qiegħed jiġri, iżda jgħinu wkoll sabiex jiġu identifikati x-xejriet u d-direzzjonijiet tal-politika fil-ġejjieni.

# TESSy: punt ta' waqfa waħda għal dejta dwar mard infettiv fl-Ewropa




## Netwerks ta' sorveljanza

L-esperti speċjalizzati fis-saħħa pubblika f'kull Stat Membru min-netwerks li ġejjin jissottomettu dejta lil TESSy li mbagħad tiġi vvalidata u analizzata mill-ECDC:

- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-Influenza
- In-Netwerk Ewropew għall-Mard li jinġarr fl-Ikel u fl-Ilma u ż-Żoonożi
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza ta' Infezzjonijiet li jiġu Trasmessi Sesswalment
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza ta' Mard Batterjali Invażiv
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-HIV/AIDS
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tat-Tuberkolożi
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tar-Reżistenza Antimikrobjali
- In-Netwerk Ewropew għall-Infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-Leġjonellożi
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tad-Difterite
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-Konsum Antimikrobjali
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza ta' Mard li jista' jiġi evitat bit-Tilqim
- In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-Marda Creutzfeldt–Jakob
- *In-Netwerk Ewropew għas-Sorveljanza tal-Epatite B/C (mill-2012)*




# Konsulenza xjentifika — Evidenza għal azzjoni

L-ECDC jipprovdi l-konsulenza xjentifika u l-gwida li dawk li jfasslu l-politika u l-prattikanti tas-saħħa pubblika jistgħu jużaw sabiex isaħħu d-deċiżjonijiet tagħhom. Ix-xjentisti u l-epidemjoloġisti ddedikati tal-ECDC iwettqu valutazzjonijiet tar-riskju fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea jew ta' Stat Membru. Il-ħidma tagħhom tvarja mill-kummissjonar ta' reviżjonijiet tal-letteratura u analiżi statistika għall-ġbir ta' opinjonijiet xjentifiċi minn esperti internazzjonali. Biex jiżviluppa konsulenza xjentifika u gwida uffiċjali, l-ECDC iwaqqaf Gruppi ta' Esperti Xjentifiċi *ad hoc* sabiex jipproduċu opinjoni inizjali li mbagħad tiġi dibattuta, riveduta u approvata mill-Forum Konsultattiv tal-ECDC.

## Opinjonijiet indipendenti

Il-konsulenza xjentifika u l-gwida mill-ECDC hija indipendenti b'mod rigoruż u ħielsa minn kull influwenza kummerċjali jew interess vestit. Il-kunflitti ta' interess potenzjali tal-persunal jew tal-esperti huma evalwati bir-reqqa. Dan huwa prinċipju ewlieni li l-ECDC joqgħod attent li ma jiksirx.



*L-ECDC għandu ftehimiet formali mal-laboratorji ta' referenza nazzjonali*

## Il-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika — Ħidma investigattiva dwar l-aġenti tal-mard

Il-kontroll tal-mard infettiv jiddependi mill-investigazzjoni fil-laboratorju u l-karatterizzazzjoni tal-aġenti tal-mard. Minflok il-laboratorji tiegħu stess, l-ECDC għandu ftehimiet formali mal-laboratorji b'referenza nazzjonali ta' istituti ewlenin tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri Ewropej. L-ECDC jiffaċilita l-iżvilupp u t-tħaddim effikaċi ta' sistema tal-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika li tista' tipprovdi informazzjoni affidabbli u f'waqtha għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv f'pajjiżi individwali u fil-livell Ewropew. Il-laboratorji jingħataw kuntratti biex jappoġġjaw l-attivitajiet Ewropej ta' sorveljanza u biex jipprovdu taħriġ professjonali. L-ECDC jipprovdi gwida dwar il-funzjonijiet tal-mikrobijoloġija tas-saħħa pubblika tal-laboratorji ta' referenza, jaħdem lejn l-armonizzazzjoni tal-istandards u jissorvelja l-prestazzjoni tal-kwalità.

## Eżempji ta' talbiet reċenti

- X'inhu l-aħjar mod kif tuża l-vaċċin ġdid tal-papillomavirus kontra l-kanċer ċervikali?
- Id-deni Q tfaċċa fost il-mogħoż fil-Pajjiżi l-Baxxi. X'theddida jippreżenta għas-saħħa tal-bniedem?
- Kull kemm żmien għandhom jiġu ttestjati d-donazzjonijiet tal-isperma għal mard virali?
- Jekk ikun hemm pandemija ġdida, l-Unjoni Ewropea għandha tixtri l-vaċċini għall-pajjiżi kollha, għal kost-effettività massima, u kemm ikun jeħtieġ kull pajjiż?
- Kif nittrattaw ir-riskju tad-deni emorraġiku tal-bniedem (il-virus Junin) fit-trapjanti?
- Tista' t-tifqigħa tal-kolera fil-Ħaiti eventwalment tippreżenta theddida għaċ-ċittadini Ewropej?



*Virus tal-influenza fil-griżmejn, xogħol ta' arti*

# L-iżvilupp ta’ gwida dwar l-influenza staġjonali

Meta jiġi biex jiżviluppa gwida dwar influenza staġjonali ġdida, l-ECDC l-ewwel iwettaq valutazzjoni interna tar-riskju, billi jħares lejn rapporti bikrija mill-awtoritajiet nazzjonali sabiex jidentifika x-xejriet, il-mudelli ta’ trasmissjoni, is-severità, il-popolazzjonijiet vulnerabbli u r-riżultati. Is-sejbiet, l-analiżi u l-pariri proposti mbagħad jiġu ppreżentati u analizzati mill-membri tal-Forum Konsultattiv tal-ECDC u minn esperti esterni oħrajn. Hekk kif l-istaġun jevolvi, is-severità tiġi mmonitorjata mill-qrib u jekk ikun jidher ċar li se jkun staġun aktar sever mis-soltu, l-ECDC joħroġ twissijiet ta’ allarm lill-awtoritajiet tal-Istati Membri u lill-komunità tas-saħħa pubblika, filwaqt li jipprovdi informazzjoni għall-pubbliku. L-analiżi viroloġika, ikkonfermata minn studji fuq il-post ikkoordinati mill-ECDC, tivvaluta l-adattabilità tal-vaċċin għal kwalunkwe staġun partikolari. Dawn ikkonfermaw, pereżempju, li l-vaċċini għall-influenza staġjonali tal-2010 offrew protezzjoni kontra l-virus talinfluenza tal-istaġun. In-netwerk VENICE (*the Vaccine European New Integrated Collaboration Effort*) tal-ECDC jittraċċa wkoll l-użu tat-tilqim nazzjonali. Wara talba mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA), żewġ investigazzjonijiet xjentifiċi indipendenti u multinazzjonali kkoordinati mill-ECDC investigaw tħassib speċifiku dwar is-sigurtà tat-tilqim. Dawn l-attivitajiet konkorrenti kollha jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta’ politika, prattika tajba u gwida dwar il-miżuri pubbliċi ta’ preparazzjoni u rispons, li mbagħad jiġu kkomunikati lill-udjenzi xierqa ta’ professjonisti, dawk li jfasslu l-politika u l-pubbliku ġenerali.



*Qsim tal-aħħar informazzjoni dwar l-influenza*



*“Jekk ma nkunux nistgħu nsibu espert li ma jkunx kompromess minn interessi vestiti, x’nagħmlu? Inkomplu nfittxu!”*

Johan Giesecke, Kap Xjentist



# Il-kapaċità u l-komunikazzjoni dwar is-saħħa pubblika — Aħna nisimgħu u nwieġbu

## Kapaċità li ssaħħaħ l-appoġġ lill-Istati Membri

L-istorja għallmitna li hemm bżonn ta' ħafna żmien u sforzi sabiex jinbnew sistemi tajbin tas-saħħa pubblika li jikkontrollaw il-mard infettiv. Dawn is-sistemi huma vulnerabbli u għalhekk jeħtieġ li ssirilhom manutenzjoni u jiġu żviluppati b'mod kostanti sabiex jiffunzjonaw sewwa. L-istorja għallmitna wkoll li n-nuqqas ta' dan jista' jippermetti l-iżvilupp rapidu ta' epidemiji kbar, li jista' jkun diffiċli ħafna u jinvolvi ħafna flus biex dawn jiġu kkontrollati. Għalhekk, iż-żamma ta' sistemi effikaċi tas-saħħa pubblika hija investiment qawwi għall-ġejjieni.

L-ECDC jappoġġja lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom li jibnu u jżommu sistemi b'saħħithom għall-kontroll ta' mard infettiv billi jivvaluta l-kapaċitajiet u l-ħtiġijiet tas-sistema tas-saħħa pubblika, u billi joffri programmi komprensivi ta' taħriġ fit-tul u edukazzjoni kontinwa għall-esperti. Billi jibni fuq l-għarfien u l-kapaċità tiegħu fil-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv u l-għarfien sod tiegħu tal-istrutturi tas-saħħa pubblika fl-Ewropa, l-ECDC jiġbor u jikkondividi evidenza dwar interventi effettivi u kost-effikaċi fi sħubija ma' diversi partijiet interessati.

## Aħna niżguraw li l-informazzjoni tasal għand min ikollu bżonnha

Parti prinċipali mill-ħidma tal-ECDC hija li jxerred is-sejbiet xjentifiċi tiegħu, u jikkondividi l-għarfien dwar kif l-informazzjoni tista' titwassal b'mod effettiv lil udjenzi speċifiċi, kemm jekk dawk li jfasslu l-politika, xjentisti, il-midja jew il-pubbliku ġenerali.

L-Istati Membri jirrikorru għand l-ECDC għal pariri dwar il-komunikazzjoni dwar ir-riskji, u l-komunikazzjoni waqt kriżi, dwar jekk humiex qegħdin jiffaċċjaw theddida akuta,






jew jiġġieldu t-tixrid ta' marda endemika. Il-komunikazzjoni qiegħda tevolvi b'mod kostanti. Illum il-ġurnata, il-mezzi ġodda u interattivi tal-midja, pereżempju, għandhom rwol li jgħinu lil ħafna nies jiksbu informazzjoni dwar is-saħħa, filwaqt li oħrajn għandhom aċċess limitat għal, jew interess f'dawn it-teknoloġiji ġodda.

Sabiex jindirizza l-ħtiġijiet u l-isfidi ġodda tal-komunikazzjoni tal-Istati Membri, l-ECDC qiegħed:

- jaħdem fuq bażi ta' evidenza għal komunikazzjoni dwar is-saħħa,
- jidentifika l-aqwa metodi biex jikkomunika ma' segmenti differenti tal-pubbliku,
- jiġbor u jxerred prattika tajba u ideat ġodda, u
- jesplora l-potenzjal ta' mezzi ġodda tal-midja.

## Pubblikazzjonijiet tal-ECDC

L-ECDC jipproduċi pubblikazzjonijiet dwar firxa wiesgħa ta' mard infettiv, fosthom *Rapport Epidemjoloġiku Annwali komprensiv dwar il-mard li jittieħed fl-Ewropa, Rapport Annwali dwar it-Theddidiet,* analiżi tat-theddidiet immonitorjati fl-UE, rapporti tekniċi u gwida. Il-pubblikazzjonijiet xjentifiċi huma mmirati għall-esperti u huma ppubblikati bl-Ingliż. Il-pubblikazzjonijiet għall-pubbliku ġenerali huma prodotti bit-23 lingwa uffiċjali kollha tal-UE, bl-Islandiż u bin-Norveġiż.

## Eurosurveillance

Dan il-ġurnal xjentifiku li jiġi ppubblikat fuq l-Internet kull ġimgħa huwa wieħed mill-ġurnali ewlenin dwar il-mard infettiv fl-Ewropa. Huwa ġurnal b'aċċess miftuħ mingħajr ħlasijiet tal-awtur. Magħruf għall-bidla totali u rapida tiegħu dwar suġġetti urġenti, huwa kien l-ewwel ġurnal rivedut minn pari li beda jippubblika analiżi preliminari tal-ġenome tal-virus A tal-influenza pandemika H1N1.

## Sit elettroniku

Is-sit elettroniku tal-ECDC jipprovdi aħbarijiet, aġġornamenti u informazzjoni dettaljata dwar is-sorveljanza, rapporti xjentifiċi, taħriġ u attivitajiet oħrajn, inklużi links għal korpi nazzjonali u tal-UE.




*Kampanji madwar l-Ewropa li jikkommemoraw il-Jum Ewropew ta' Għarfien dwar l-Antibijotiċi*

# Appoġġ għal kampanji nazzjonali

## Il-Jum Ewropew ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi

Il-Jum Ewropew ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi huwa inizjattiva mmexxija mill-ECDC li tiġi organizzata kull sena matul il-ġimgħa tat-18 ta' Novembru, sabiex tiġi pprovduta pjattaforma għal kampanji nazzjonali dwar l-użu prudenti tal-antibijotiċi. Ir-reżistenza għall-antibijotiċi kienet identifikata bħala waħda mit-theddidiet urġenti għas-saħħa pubblika fl-Ewropa u l-użu korrett tal-antibijotiċi huwa essenzjali sabiex tiġi evitata ż-żieda tal-batterji reżistenti.

Sa mill-ewwel Jum Ewropew ta' Sensibilizzazzjoni dwar l-Antibijotiċi fl-2008, l-inizjattiva kienet indirizzata speċifikament għall-pubbliku, it-tobba tal-familja, u l-infermiera u t-tobba li jippreskrivu l-mediċini fl-isptarijiet.

## Settijiet ta' għodda

Is-settijiet ta' għodda għall-komunikazzjoni tal-ECDC huma pprovduti għall-awtoritajiet nazzjonali għas-saħħa pubblika biex jgħinu sabiex titqajjem sensibilizzazzjoni għall-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv speċifiku. Is-settijiet ta' għodda jinkludu messaġġi u materjali ewlenin li jistgħu jiġu adattati għall-kampanji nazzjonali jew lokali ta' komunikazzjoni dwar is-saħħa.




*Il-powsters tal-kampanja jistgħu jiġu adattati faċilment għall-ħtiġijiet lokali*

---



*"Huwa essenzjali li nwasslu l-messaġġ li s-sigurtà taċ-ċittadini Ewropej minn mard infettiv mhijiex sempliċi koinċidenza, hija dovuta għal xogħol iebes, u tista' tinbidel faċilment jekk dak ix-xogħol ma jsirx."*

Karl Ekdahl, Kap tat-Taqsima tal-Kapaċità u l-Komunikazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika



*In-nemus jista' jittrasmetti mard bħall-malarja u d-deni ta' dengue*

# Programmi tal-ECDC dwar il-mard — Xi nkopru

L-Istati Membri tal-UE impenjaw ruħhom li jikkondividu informazzjoni dwar firxa ta' mard infettiv. F'dan ir-rigward, il-programmi tal-ECDC jappoġġjaw l-iżvilupp ta' politiki speċifiċi tal-UE, kif ukoll l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom. L-oqsma ta' attività u l-mard jinkludu:

## Reżistenza antimikrobjali u infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa

L-użu tal-antibijotiċi, ir-reżistenza għall-antibijotiċi u diversi tipi ta' infezzjonijiet fl-isptarijiet u f'faċilitajiet oħrajn tal-kura tas-saħħa.

## Mard li jista' jiġi evitat bit-tilqim u infezzjonijiet batterjali invażivi

Kwistjonijiet ta' tilqim u l-mard li t-tilqim jista' jipprevjeni, bħad-difterite, infezzjonijiet bl-*influenza Haemophilus* tat-tip B, il-ħosba, il-marda meningokokkali, il-gattone, is-sogħla konvulsiva, infezzjonijiet pnewmokokkali, il-poljomelite, l-idrofobija, infezzjoni tar-rotavirus, il-ħosba Ġermaniża, it-tetnu, infezzjonijiet tal-virus papilloma uman (HPV) u l-variċella.

## Influenza

L-influenza staġjonali, l-influenza pandemika u l-influenza tat-tjur. Il-programm jaħdem ukoll fuq kwistjonijiet relatati



Il-prevenzjoni hija importanti ħafna



Miżuri ta' iġjene sempliċi jistgħu jillimitaw it-tixrid tal-infezzjonijiet

mat-tilqim tal-influenza, il-mediċini antivirali u r-reżistenza emerġenti għalihom.

## Tuberkulożi

It-tuberkulożi u l-problema tar-reżistenza għall-mediċina. Tinkludi wkoll il-ko-infezzjoni bl-HIV.

## Mard emerġenti u mard li jiġi trasmess mill-insetti

Mard li jinġarr minn insetti, mard relatat mal-ivvjaġġar u mard ġdid jew mard li jista' jerġa jitfaċċa: id-deni ta' chikungunya, id-deni ta' dengue, infezzjonijiet tal-virus hanta, il-marda ta' Lyme (borreljożi), il-malarja, il-pesta, id-deni Q, is-sindromu respiratorju akut sever (SARS), il-ġidri, l-enċefalite li tinġarr mill-qurdien, it-tularemja, id-deni emorraġiku virali, id-deni West Nile u d-deni l-isfar.

## Mard u Żoonożi li jinġarru fl-ikel u fl-ilma

Mard li jista' jiġi trasmess mill-annimali għall-bnedmin (mard "żoonotiku") bħall-botuliżmu, il-bruċellożi, il-kampilobakterjozi, il-leġjonellożi, il-marda Creutzfeldt–Jakob u enċefalopatiji sponġiformi trasmissibbli oħrajn, il-kriptosporidjożi, l-ekinokokkożi, il-ġardjasi, l-epatite A, l-epatite E, infezzjoni bl-*Escherichia coli*, il-listerjosi, infezzjoni b'norovirus, is-salmonellożi, ix-xigellosi, it-tossoplasmożi, it-trikinellożi u l-yersiniosis.

## HIV, infezzjonijiet trasmessi sesswalment u mard ieħor li jinġarr fid-demm

Il-klamidja, il-gonorrea, is-sifilide, l-epatite B, l-epatite Ċ u l-HIV/AIDS.



# Mard infettiv — Uħud mit-theddidiet ewlenin

## Ir-reżistenza antimikrobjali u infezzjonijiet li jittieħdu mill-isptarijiet

L-infezzjonijiet minħabba l-batterji li huma reżistenti għall-antibijotiċi saru problema kbira u li qiegħda tkompli tikber b'pass mgħaġġel, speċjalment fl-isptarijiet. Minħabba li huwa diffiċli li dawn il-batterji jinqatlu, tali infezzjonijiet jirriżultaw f'mard fit-tul u pazjenti li jdumu aktar fl-isptarijiet, u jġorru riskju ogħla ta' mewt.

## HIV/AIDS

Madwar 30 % tas-700,000 ruħ li qegħdin jgħixu bl-HIV fl-Ewropa ma jafux li għandhom dan il-virus. Konsegwentement, dawn l-individwi ma jistgħux jibbenifikaw mit-trattament disponibbli u bla ma jkunu jafu jistgħu jittrasmettu l-HIV lil persuni oħrajn, bħall-imsieħba tagħhom jew tfal li għadhom ma tweldux.

## It-tuberkulożi

In-numru ta' każijiet ta' TB qiegħed jiżdied fost gruppi vulnerabbli bħall-immigranti u n-nies li huma pożittivi għall-HIV. Każijiet ta' TB reżistenti għall-mediċina, li huma diffiċli ħafna jew saħansitra impossibbli biex jiġu kkurati, qegħdin jitfaċċaw madwar l-UE kollha.

## L-influenza

Kull xitwa, mijiet ta' eluf ta' nies fl-UE jimirdu serjament bl-influenza staġjonali. Minn dawn, ikun hemm bosta eluf li





jmutu fi staġun medju tal-influenza, ħafna drabi bla bżonn minħabba li hemm vaċċini effettivi disponibbli għan-nies f'riskju.

## It-tibdil fil-klima

It-tibdil fil-klima jista' jwassal għal mudelli ġodda ta' mard fl-Ewropa billi, pereżempju, ibiddel il-firxiet tat-trasmissjoni ta' mard li jiġi trasmess mill-vetturi bħall-virus hanta, il-virus West Nile, enċefalite li tinġarr mill-qurdien, il-marda ta' Lyme, il-malarja u d-deni ta' dengue.

## Kopertura baxxa tat-tilqim

Minħabba l-kopertura baxxa tat-tilqim f'xi pajjiżi, ċerti mard bħall-ħosba mhumiex taħt kontroll, u qegħdin jerġgħu jitfaċċaw. Jekk il-livelli ta' kopertura tat-tilqim ikomplu jitbaxxew, hemm riskju li mard bħall-poljo, li kienet eliminata mill-Ewropa, jerġgħu jitfaċċaw.



# Kif tista' tinvolvi ruħek

## Taħriġ

It-taħriġ huwa ċentrali għall-ħidma tal-ECDC, u jipprovdi kompetenzi għal professjonisti mill-istituti tas-saħħa pubblika madwar l-UE. L-ECDC jagħti wkoll taħriġ lil dawk li jħarrġu lil ħaddieħor, jiżviluppa materjal ta' taħriġ u jappoġġja programmi ta' taħriġ flimkien mal-imsieħba bil-għan li tissaħħaħ il-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa pubblika fl-Istati Membri. Is-suġġetti tal-kors kienu jinkludu: aspetti epidemjoloġiċi tat-tilqim; analiżi tas-serje taż-żmien; metodi deskrittivi u l-introduzzjoni għall-immudellar u t-tbassir; u taħriġ konġunt fuq aspetti maniġerjali, epidemjoloġiċi u mikrobijoloġiċi tal-investigazzjoni tat-tifqigħat ta' mard.

Il-Programm Ewropew għat-Taħriġ fl-Epidemjoloġija tal-Intervent (EPIET) ikkoordinat mill-ECDC jipprovdi kors ta' sentejn u esperjenza prattika fl-epidemjoloġija tal-intervent għas-sorveljanza u l-kontroll ta' mard infettiv.

B'mod parallel, l-ECDC u l-aġenziji msieħba jmexxu l-Programm ta' Taħriġ Ewropew dwar il-Mikrobijoloġija tas-Saħħa Pubblika (EUPHEM) li huwa kors ieħor ta' sentejn li jsir f'siti ta' taħriġ fil-laboratorji madwar l-Ewropa.

L-ECDC jiffaċilita wkoll l-appoġġ reċiproku bejn il-pajjiżi permezz ta' skemi ta' skambji u ġemellaġġ fuq l-Internet, il-qsim ta' laboratorji u l-protokolli.



## L-ECDC iqabbad esperti esterni

L-ECDC jistieden xjentisti b'kompetenzi rilevanti biex jipparteċipaw fil-gruppi ta' esperti xjentifiċi u fil-gruppi ta' ħidma taċ-Ċentru u jgħinu liċ-Ċentru fl-attivitajiet tiegħu. Sabiex iwessa' r-roster tiegħu ta' esperti potenzjali, l-ECDC waqqaf Direttorju ta' Esperti Kandidati, fejn l-esperti kollha bil-kompetenzi rilevanti u bil-kompetenza xjentifika huma mistiedna biex jissottomettu applikazzjoni.

Barra minn hekk, l-ECDC joħroġ sejħiet għall-offerti u sejħiet għall-proposti għal għotjiet, bil-għan li jitwettqu oqsma speċjalizzati ta' ħidma.



*"Aħna qegħdin inħarrġu lill-epidemjoloġisti l-istess kif ħarrġu lil dawk li bnew il-katidrali fil-passat — huma kellhom jitgħallmu kif jagħmlu biċċa xogħol billi jagħmluha u kien ikun hemm biss li eventwalment jissieħbu fil-Konsorzji. Aħna hekk qegħdin nagħmlu. Waħda mill-iskemi tagħna tinvolvi madwar 50 persuna mħarrġa ħafna minn universitajiet u istituti tas-saħħa pubblika li jeħtieġu esperjenza konkreta, u aħna npoġġuhom xi mkien barra minn pajjiżhom, inħallsulhom, sabiex jitgħallmu billi jmiddu idejhom u jaħdmu. Il-katidral tas-saħħa pubblika — jista' jkun li m'aħniex narawh filglorja kollha tiegħu, iżda bħalissa qegħdin nibnu l-bażi essenzjali, u nittamaw li qatt ma jitwaqqa'."*

Denis Coulombier, Kap tat-Taqsima għall-Appoġġ tar-Rispons u s-Sorveljanza



*Id-Direttur mal-Membri tal-Bord Amministrattiv tal-ECDC*

# Fatti ewlenin dwar il-governanza

Bħala Aġenzija indipendenti tal-UE, l-ECDC jirrapporta lil **Bord Amministrattiv**, li l-membri tiegħu jiġu nnominati mill-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Il-Bord Amministrattiv jaħtar lid-Direttur tal-ECDC u jżommu jew iżommha responsabbli għat-tmexxija u l-amministrazzjoni taċ-Ċentru. Huwa għandu jiżgura wkoll li ċ-Ċentru jwettaq il-missjoni u l-kompiti tiegħu skont ir-Regolament tal-Istabbiliment. Il-Bord Amministrattiv japprova u jissorvelja l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma u l-baġit tal-ECDC, jadotta r-rapport u l-kontijiet annwali tiegħu — kollox ma' kollox huwa jaġixxi bħala l-Korp Governattiv taċ-Ċentru. Huwa jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena.

Il-**Forum Konsultattiv** jagħti pariri lid-Direttur taċ-Ċentru dwar il-kwalità tal-ħidma xjentifika mwettqa mill-ECDC. Huwa kompost minn rappreżentanti għolja tal-istituti u l-aġenziji nazzjonali tas-saħħa pubblika, innominati mill-Istati Membri fuq il-bażi tal-kompetenza xjentifika tagħhom, u uffiċjal tas-saħħa pubblika mill-Kummissjoni Ewropea. L-assoċjazzjonijiet xjentifiċi Ewropej u l-gruppi tas-soċjetà ċivili jistgħu wkoll jibagħtu osservaturi għall-Forum Konsultattiv. Id-Direttur tal-ECDC jistieden lid-WHO sabiex tattendi għal-laqgħat bil-għan li tiġi żgurata s-sinerġija bejn il-ħidma xjentifika tagħha u dik tal-ECDC. Minbarra li jagħti pariri lill-ECDC, il-Forum Konsultattiv jaġixxi wkoll bħala mezz għall-iskambju tal-informazzjoni u l-ġbir ta' għarfien dwar is-saħħa bejn l-Istati Membri. Il-Forum Konsultattiv jiltaqa' mill-inqas erba' darbiet fis-sena.



Il-**Korpi Kompetenti** tal-ECDC huma istituzzjonijiet jew korpi xjentifiċi li jipprovdu pariri xjentifiċi u tekniċi indipendenti jew kapaċità għat-teħid ta' azzjoni f'dan il-qasam. Dawn inħatru mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Huma jipprovdu appoġġ lill-ECDC u, bl-istess mod, l-ECDC jikkoopera magħhom fl-attivitajiet kollha tiegħu, partikolarment fuq il-ħidma preparatorja għall-opinjonijiet xjentifiċi, l-assistenza xjentifika u teknika, il-ġbir tad-dejta, l-identifikazzjoni tat-theddidiet emerġenti għas-saħħa u f'kampanji ta' informazzjoni pubblika.

| | |
|---|---|
| Operattiv minn | **Mejju 2005** |
| Sede tal-aġenzija | **Stokkolma, l-Isvezja** |
| Direttur | **Marc Sprenger** |
| Stati Membri | **UE-27 u t-tliet pajjiżi l-oħrajn taż-ŻEE** |
| Regolament tal-Istabbiliment | **Regolament (KE) Nru 851/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard** |
| Baġit | **€56 miljun fl-2010** |
| Persunal | **350** |





# Interazzjoni mal-imsieħba tagħna

L-ECDC jappoġġja b'mod attiv is-sistema kollha tal-UE u l-Istati Membri tagħha fl-isforzi tagħhom li jtejbu l-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard infettiv. Aħna nipprovdu pariri u evidenza lil imsieħba ewlenin tal-UE — partikolarment il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-Presidenzi tal-UE — sabiex jappoġġjaw l-azzjonijiet fil-livell tal-UE. Aħna nipprovdu wkoll konsulenza u, meta tintalab, għajnuna prattika lill-imsieħba nazzjonali tagħna fl-Istati Membri.

Minbarra l-Istati Membri tal-UE, l-ECDC jaħdem mal-pajjiżi l-oħrajn taż-ŻEE, jiġifieri l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja. Huwa beda jinvolvi wkoll lill-Pajjiżi Kandidati għas-sħubija fl-UE (il-Kroazja, il-Montenegro, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u t-Turkija) fil-ħidma tiegħu, kif ukoll lill-Kandidati Potenzjali għas-sħubija fl-UE u l-pajjiżi tal-politika Ewropea tal-Viċinat. L-ECDC jikkoopera mill-qrib mad-WHO u ma' kontropartijiet globali ewlenin oħrajn bħaċ-Ċentri tal-Istati Uniti għall-Kontroll tal-Mard, iċ-Ċentru Ċiniż għall-Kontroll tal-Mard u l-Aġenzija tas-Saħħa Pubblika tal-Kanada. L-ECDC jaħdem ukoll b'mod attiv ma' gruppi tas-soċjetà ċivili.

- **L-Unjoni Ewropea (UE)**
  27 Stat Membru
- **Iż-ŻEE/l-EFTA**
  L-Islanda, in-Norveġja, il-Liechtenstein
- **Il-pajjiżi kandidati għas-sħubija fl-UE**
  Il-Kroazja, l-Islanda, il-Montenegro, Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, it-Turkija
- **Il-pajjiżi kandidati potenzjali**
  L-Albanija, il-Bosnja-Ħerzegovina, il-Kosovo skont ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244/99, is-Serbja
- **Il-Politika Ewropea tal-Viċinat**
  L-Alġerija, l-Armenja, l-Azerbajġan, il-Belarus, l-Eġittu, il-Ġeorġja, l-Iżrael, il-Ġordan, il-Moldova, il-Marokk, il-Libanu, il-Libja, l-Awtorità Palestinjana, is-Sirja, it-Tuneżija, l-Ukraina



Ir-ritratti kollha © ECDC, għajr:
© Tobias Hofsäss, qoxra ta' quddiem fuq ix-xellug
© Istockphoto, qoxra ta' quddiem fuq il-lemin, pp. 6, 7, 9, 11, 14, 18, 19, 26
© Reporters p. 8
© Science Picture Library pp. 12, 20

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata, bil-kundizzjoni li jiġi rikonoxxut is-sors.
Ir-ritratti kollha użati f'din il-pubblikazzjoni huma koperti mid-dritt tal-awtur u ma jistgħux jintużaw għal għanijiet oħrajn għajr għal din il-pubblikazzjoni jekk mhux bil-permess espress tas-sidien tad-dritt tal-awtur.

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

### Pubblikazzjonijiet bla ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mill-websajt (http://ec.europa.eu) jew billi tibgħat faks f'dan in-numru: +352 2929-42758.

### Pubblikazzjonijiet bi ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (http://bookshop.europa.eu).

### Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u r-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

TQ-31-11-136-MT-C


**Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)**

Indirizz postali:
ECDC, 171 83 Stokkolma, l-Isvezja

Indirizz għaż-żjarat:
Tomtebodavägen 11A, Solna, l-Isvezja

Telefon: +46 858601000
Fax: +46 858601001
www.ecdc.europa.eu

Aġenzija tal-Unjoni Ewropea
www.europa.eu


Dan il-fuljett huwa disponibbli bil-lingwi li ġejjin:

Bulgaru, Ċek, Daniż, Estonjan, Finlandiż, Franċiż, Ġermaniż, Grieg, Ingliż, Irlandiż, Islandiż, Latvjan, Litwan, Malti, Norveġiż, Olandiż, Pollakk, Portugiż, Rumen, Slovakk, Sloven, Spanjol, Svediż, Taljan, Ungeriż


L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-9193-258-0